TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 44/79

Kaz Nru 52

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur John Sant
u
d-ditta Interprint Ltd.

Data : 24 ta' April, 1979.

Chairman : C.J. Mallia.

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali fit-22 ta' Frar, 1979, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, wara li s-Sur John Sant kien talab li l-kwistjoni tat-tkeccija tieghu minn mad-ditta Interprint Ltd. titressaq quddiem dan it-Tribunal.

2. Il-partijiet. Is-Sur John Sant mexxa l-kaz tieghu huwa stess, ghaliex, fil-waqt li kien hemm union maghrufa mill-Interprint bhala li tirrapprezenta l-klassi ta' haddiema mpjegati taghha li minnha l-haddiem imkecci kien wiehed, Mr Sant ma kienx membru ta' dik il-union li ghalhekk ma riedetx tassistih f'dan il-kaz. Skond l-artikolu 31 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, is-Sur Sant kien prekluz milli jigi assistit minn haddiehor. Ghad-ditta Interprint Ltd. dehru is-Sur Charles Zammit, Assistant General Manager, u s-Sur Tony Ghio, Personnel Executive, li kienu assistiti mis-Sur F.E. Amato-Gauci, M.B.E., B.Sc., Management Consultant.

3. It-tkeccija. Is-Sur John Sant kien ilu ma' l-Interprint ftit aktar minn tnax il-sena, bhala tekniku tal-makni, li dan l-ahhar kien igib l-isem ta' Electrical and Mechanical Engineer.

Huwa gie imkecci fit-28 ta' Novembru, 1978. Ic-certifikat ta' temm ta' impieg, iffirmat mis-Sur Tony Ghio fid-19 ta' Dicembru, 1978, jghid hekk bhala raguni ghat-tkeccija :

> "Minhabba l-incident li gara bejnu u bejn il-Gatekeeper nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 1978, fejn is-Sur Sant ta daqqa ta' ponn fuq wicc is-Sur Frank Bugeja".

4. Smigh u xhieda. It-Tribunal semgha l-kaz fi tlett seduti, li fihom, barra milli nstemghu l-partijiet u gew ezaminati d-dokumenti esibiti, nstemghu wkoll dawn ix-xhieda :

Miss Vicky Risso (A/D), Wages Clerk.
Mr.Salvu Seychell (A/D), Wages Clerk.
Mr. Michael Degabriele (A), Film-setting Supervising Engineer.
Mr. Tony Raggio (A), Film-setting operator.
Mr. Martin Grasso (D), Printer.
Mr. Laurence Desira (A), Gatekeeper.
Mr. Francis Carabott (D), Gatekeeper.
Mr. Laurence Buhagiar (D), Printing Supervisor.
Mr. John Sant (P), Appellant.
Mr. Tony Ghio (D), Personnel Executive.
Mr. Charles Zammit (D), Assistant General Manager.

Kien mixtieq hafna, u del resto anke xieraq, li tinstemgha x-xhieda tas-Sur Frank Bugeja, il-Gatekeeper li kien involut fl-incident li wassal ghat-tkeccija tas-Sur Sant. Izda dan sfortunatament kien l-isptar imhabba xi mard tal-qalb u ma kien hemm ebda idea meta hu ser ikun jista' jixhed quddiem it-Tribunal minghajr riskju ghal sahtu. Ghalhekk id-

---

(A) ... Xhud prodott mill-Appellant.
(D) ... Xhud prodott mid-Ditta.

ditta, li kienet mill-ewwel semmiet lil Mr. Bugeja fil-lista tax-xhieda taghha, fl-ahhar irrinunzjat li tistenna biex dan ikun jista' jinstemgha. Is-Sur Sant fl-ahhar seduta ried juri kitba minn ghand is-Sur Bugeja li turi li ma kien ghad hemm xejn bejniethom. Izda, billi din ma kienetx kawza la civili u anqas kriminali, t-Tribunal qal li din il-prova ma kienx hemm lokha.

5. Statement of case, fil-qosor, tas-Sur Sant. Is-Sur John Sant qal li l-incident li wassal ghat-tkeccija tieghu kien dak tal-25 ta' Novembru, 1978. Dik inhar hu kien ghaddej minn hdejn il-fabbrika, kellu bzonn jaghmel telefonata, sejjah lill-gatekeeper, u billi dak ma wigebx ghax ma kienx f' postu s-Sur Sant baqa' diehel. Jumejn wara tlewmu fil-Personnel Office, u s-Sur Sant qal li hu inkiser u refa' jdejh fuq il-gatekeeper, Mr. Bugeja.

6. Statement of case, fil-qosor, ta' Interprint Ltd. Fuq il-fatti tal-25 u 27 ta' Novembru, 1978, id-ditta sostanzjalment qalet l-istess bhas-Sur Sant. Ziedet arbitrarjament li kien il-kompitu ta' l-appellant li jipprova li ma kellux htija, u qalet li l-procedura dixxiplinarja kienet giet osservata sewwa u kollha.

7. Trattazzjoni. Fis-sottomissjonijiet taghha, kif ukoll bix-xhieda li giebet, id-ditta wriet

(1) li hi kella apprezzament bizzejjed tal-gravita' ta' l-att tat-tkeccija;

(2) li l-imgieba tas-Sur Sant kienet ila tati fastidju;

(3) li kien hemm instructions cari u bil-miktub dwar dhul fil-fabbrika mhux waqt duty u dwar l-uzu tat-telefon ghal ragunijiet privati;

(4) li s-Sur Sant ma setghax ma kienx jaf bl-istat ta' sahha tas-Sur Bugeja u b'dan kollhu tah daqqa ta' ponn ta' sahha li tajjarlu n-nuccali u kien ser iwaqqghu;

(5) li l-Bord tad-Dixxiplina sab lil Mr. Sant unanimament hati u kkonferma t-tkeccija, li wara giet konfermata wkoll mis-Central Office li jaghmel mill-industriji tal-poplu;

(6) li s-Sur Sant kellhu kull chance li jkun jaf il-kaz kollhu kontrih u li jaghmel id-difiza tieghu;

(7) li s-Sur Sant kellhu twissijiet bil-miktub dwar l-imgieba tieghu, li fra altro kienet tinkludi daqqa ta' ponn lill-Works Manager, Mr. Young, fl-1972;

(8) li servizzi bhal tal-appellant, specjalment bl-esperjenza li kellhu, kienu mehtiega ferm mid-ditta, li f'dak iz-zmien kienet fil-fatt qed tipprova zzid ohrajn bhalu;

(9) li, fl-isforzi tal-management biex igib l-Interprint il-quddiem, id-dixxiplina kienet necessarja biex jinkiseb success li jikkontribwixxi ghal politika tal-Gvern li nvesta flus il-poplu fi 80 fil mija mix-shares tal-Interprint.

8. Osservazzjonijiet. Jidher li dak li gara fil-25 u 27 ta' Novembru, 1978, kien is-sifja li qasmet dahar il-gemel. Id-dwejjaq tad-ditta bis-Sur Sant kien ilu jingemgha, u dan donnhu fuq il-karattru tieghu biss, ghaliex fuq il-kompetenza tieghu teknika ma jidher li kien hemm xejn hazin. Fl-istess statement of case tas-Sur Sant hemm certi stqarrijiet li t-Tribunal ma jistax ma jikkomentax fuqhom. Xejn ma jikkonvinci

lit-Tribunal li mpjegat 'off duty' kien ghaddej minn fejn il-fabbrika u kellu bzonn jaghmel telefonata. Telefonati jistghu jsiru minn elf post, u allura wiehed aktarx mar hemm apposta. Izda kien kif kien il-kaz, is-Sur Sant kien jaf li kemm jekk jidhol u kemm jekk juza t-telefon ghal skop privat huwa kien ser jikser zewg ordnijiet miktuba tal-management. Li l-gatekeeper ma kienx f'posthu bl-ebda mod ma jiggustifika l-agir tas-Sur Sant, u dan is-Sur Sant bhala ex-Serviceman sgur kien jafu. Hawn allura jidher li kien hemm dik il-prepotenza li allegat idditta. Fis-sottomissjonijiet finali miktuba tieghu, is-Sur Sant jikkoncedi li jaqbel mal-management li haddiem ma ghandux jidhol fil-fabbrika jekk mhux on duty u li hadd ma ghandu juza t-telefon ghal skop privat. Din ukoll hija prepotenza, ghax dawn huma prerogattivi tal-management li mhix affari ta' l-impjegat jekk jaqbilx maghhom jew le. Dawn huma bhal dawk l-ordnijiet li kienu inghataw lill-famuza Light Brigade fil-battalja ta' Balaclava. "Theirs was not to reason why". It-Tribunal ma ghandux mezz biex ikejjel issahha tad-daqqa li Mr. Sant ta lil Mr. Bugeja. Izda mix-xhieda Risso, Seychell, Raggio u Grasso hareg car li dik kienet daqqa ta' ponn (u mhux ta' harta) u li tajritlhu n-nuccali. It-Tribunal ma jifhimx kif wiehed jasal biex jaghmel dan ghax 'jinkiser', imma pjuttost ghax ikun 'intilef'. Li mpjegat hekk anzjan jitlef il-kontroll, specjalment ma wiehed li kullhadd kien jaf li kien marid, ma jaghmillux gieh.

9. <u>Punti ohra</u>. Ghandu dejjem ikun mifhum li t-Tribunal, kif inhu d-dover tieghu, ikun qies, ezamina, u wizen l-aspetti kolla tal-kaz u kull ma ssottomettew il-partijiet. Izda forsi ta' min isemmi zewg punti ohra specifikatament:

(a) Mix-xhieda tas-Sur Tony Ghio, Personnel Executive tal-Interprint, hareg li s-Sur Sant gie li kien jidhol fil-fabbrika mhux f'hin ta' duty (kontra dan kien hemm ordnijiet bil-miktub, li taghhom gew

esibiti kopji). Hareg ukoll li s-Sur Ghio kien semgha li s-Sur Sant kien inqabad jaghmel telefonata overseas (din taggrava l-ksur ta' ordnijiet ohra bil-miktub, li taghhom ukoll gew esibiti kopji). Id-ditta esibiet kopja ta' ricevuta (petty cash voucher) li turi li fil-21 ta' Marzu, 1977, is-Sur John Sant hallas lira (£M1) akkont ta' £M6 li kienu l-prezz ta' telefonata overseas ghall-Inghilterra.

(b) Il-punt l-iehor jirrigwarda l-incident ma Mr. Young f'Marzu ta' l-1972. Dan is-Sur Sant qal li kien insih, u kkwota regolamenti dixxiplinarji biex juri li rapport bhal dan jaqa wara sentejn jekk l-imgieba ta' l-impjegat tkun minghajr nuqqas fl-intervall. Regolamenti li esibiet id-ditta jghidu li rapport simili jithassar wara sena, dejjem jekk l-impjegat ikollu imgieba tajba. Barra milli s-Sur Sant jidher li dejjem baqa juri nuqqas f'haga jew ohra (assenzi, jasal tard, ecc.), it-Tribunal ghadu kif osserva, fid-decizjoni tieghu Nru. 42 tal-5 ta' April, 1979, li "l-ispirtu ta' dan it-thassir sgur ma kienx biex wiehed jerga' jibda jabbuza, imma biex min ikun nidem minn nuqqas ikun jista' jerga jkollu clean sheet."

10. <u>AWARD</u>. It-Tribunal ma jistax ma josservax li huwa veru dnub li mpjegat tekniku tajjeb u b'daqshekk esperjenza jintilef ghal din id-ditta li maghha hadem ghal tant snin. Irid ikun mifhum car li, anke wara din id-decizjoni, ma hemm xejn li jzomm il-partijiet li jaghmlu arrangamenti ohra bejniethom jekk it-tnejn ikunu jistghu jaqblu, ghad li kieku kien possibbli qbil dan imissu sar qabel il-partijiet gew hawn. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fejn id-ditta hasset ruha mfixkla mill-imgieba ta' dan l-

impjegat wara li ma' tul iz-zmien inghatawlu twissijiet bizzejjed, it-Tribunal ihossu marbut mill-artikolu 32 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 li jqis l-pjani u l-politika tal-Gvern dwar din l-industrija. Ghalhekk ma jsibx li t-tkeccija tas-Sur John Sant minn Interprint Ltd. kienet ingusta, u b' hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

24 ta' April, 1979.

em